Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 20 ta' April 2022**
**(OR. en)**

**8196/22**

**INF 58**
**API 28**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Abbozz tal-għoxrin rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni |

**RAPPORT ANNWALI TAL-KUNSILL**
**DWAR L-AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI - 2021**

## I. INTRODUZZJONI

Dan huwa l-għoxrin rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[1]. Dan tfassal skont l-Artikolu 17(1) ta' dak ir-Regolament[2]. Ir-rapport jiddeskrivi x-xejriet fit-talbiet għall-aċċess għal dokumenti tal-Kunsill fl-2021 u jeżamina l-ilmenti lill-Ombudsman u s-sentenzi mogħtija mill-qrati Ewropej f'kawżi li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-Regolament mill-istituzzjonijiet.

Id-data statistika li tipprovdi l-bażi għal dan ir-rapport hija disponibbli bħala data miftuħa fis-sit web tal-Kunsill.

## II. IT-TRASPARENZA TAL-PROĊESS TAT-TEĦID TAD-DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL MATUL IL-KRIŻI TAL-COVID-19

Fl-2021, l-attivitajiet tal-Kunsill kienu influwenzati ħafna miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-kriżi tal-COVID-19, u b'mod partikolari d-diffikultajiet ta' vvjaġġar fl-Ewropa kollha minħabba l-miżuri preventivi u ta' konteniment meħuda mill-Istati Membri, kif ukoll l-obbligi ta' tbegħid fiżiku. Fl-2021, id-Deċiżjoni (UE) 2020/430 dwar deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni ġiet imġedda diversi drabi sabiex jiġu ffaċilitati d-deċiżjonijiet biex tintuża l-proċedura ordinarja bil-miktub għall-adozzjoni ta' atti tal-Kunsill. Miżuri oħra biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tal-Kunsill, bħall-organizzazzjoni ta' vidjokonferenzi informali tal-ministri u l-membri tal-grupp ta' ħidma, inżammu wkoll meta kien meħtieġ.

---

1 ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43
2 Dan l-artikolu jistipula li *"Kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru"*.

## III. TRASPARENZA LEĠIŻLATTIVA

L-2021 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tal-approċċ tal-Coreper dwar it-tisħiħ tat-trasparenza leġiżlattiva[3].

B'mod partikolari, f'konformità ma' dan l-approċċ, l-eżitu finali tan-negozjati wara l-approvazzjoni tal-Coreper sar pubbliku fit-53 fajl ikkonċernati.




[3] ST 9493/20

Initial Council mandates granted in 2021 for trilogues and made public




Mandates public after endorsement by COREPER: 26

Issued as public documents: 22

Initial 4 column tables prepared for negotiating with the Council mandates granted in 2021




4 column table made public: 23

no 4 column table needed*: 23

others: 2

** Negotiations on a legislative file do not necessarily require the production of a 4 column table. In particular, in 2021, agreement was reached without trilogues, or with urgency for 12 files. In addition, in 2021, in 11 files, the mandate was adopted, but negotiations didn't start before 2022.*




## IV. TALBIET GĦAL AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI FL-2021

### 1. Ir-reġistru pubbliku

Fl-2021, ir-reġistru attira 2.4 % tat-traffiku fis-sit web tal-Kunsill. Dan ġie kkonsultat aktar minn 356 000 darba. Minn fost aktar minn 308 000 viżitatur, 27 % waslu fir-reġistru permezz ta' magni tat-tiftix tal-web, 67 % permezz ta' link diretta u 6 % ġew ridiretti minn sit web ieħor. Total ta' 32 % tal-viżitaturi kienu bbażati fil-Belġju, 8 % fil-Ġermanja, 6 % fl-Italja, 6 % fir-Renju Unit, u 5 % fi Franza.

Fil-31 ta' Diċembru 2021, ir-reġistru pubbliku elenka 460 907 dokument bil-lingwa oriġinali (3 456 130 dokument jekk ikunu inklużi l-verżjonijiet lingwistiċi kollha). Min-numru totali ta' dokumenti bil-lingwa oriġinali elenkati fir-reġistru, 71.7 % (330 434 dokument) kienu pubbliċi u disponibbli biex jitniżżlu.




Matul l-2021, iddaħħlu 24 341 dokument bil-lingwa oriġinali fir-reġistru, li 73.7 % minnhom, jew 17 933 dokument, huma pubbliċi u disponibbli biex jitniżżlu. Fl-2021, il-Kunsill ħareġ 13 535 dokument li kienu disponibbli għall-pubbliku maċ-ċirkolazzjoni u ħareġ 10 551 dokument LIMITE. Żied fir-reġistru 343 dokument li huma parzjalment disponibbli għall-pubbliku.

Fl-2021, saret referenza għal 255 dokument klassifikat[4] fir-reġistru u l-Kunsill ħareġ 564 dokument klassifikat li mhumiex elenkati fir-reġistru.

[4] Kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

**Dokumenti leġiżlattivi**

Matul il-perijodu kopert minn dan ir-rapport, żdiedu 3 586 dokument leġiżlattiv[5] fir-reġistru, li 2 259 minnhom inħarġu bħala "pubbliċi" maċ-ċirkolazzjoni. Mill-1 327 dokument leġiżlattiv li jifdal maħruġa bħala LIMITE (b'referenza fir-reġistru iżda mhux aċċessibbli b'mod dirett), 839 dokument saru pubbliċi fuq talba. Għaldaqstant 86 % tad-dokumenti leġiżlattivi miżjuda fir-reġistru fl-2021 huma kompletament disponibbli għall-pubbliku.




5 Kif previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, dokumenti leġiżlattivi huma dokumenti mfassla u/jew riċevuti matul proċedura leġiżlattiva.

## 2. Talbiet għal aċċess għal dokumenti

Fl-2021, il-Kunsill irċieva 2 083 talba inizjali għal aċċess għal dokumenti u 44 applikazzjoni konfermatorja[6], li kienu jeħtieġu l-analiżi ta' 10 189 dokument.







[6] Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali, l-applikant jista', sa 15-il jum minn meta jirċievi r-risposta mill-istituzzjoni, jagħmel applikazzjoni konfermatorja fejn jitlob lill-istituzzjoni terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha.

Fl-istadju inizjali, ingħata aċċess sħiħ għal 8 492 dokument (83.3 %) u aċċess parzjali għal 519 dokument (5 %). L-aċċess ġie rrifjutat għal 1 178 dokument (11.6 %).




Fir-rigward ta' applikazzjonijiet konfermatorji, ingħata aċċess sħiħ għal 59 dokument u aċċess parzjali għal 54 dokument. Il-Kunsill ikkonferma li l-aċċess għandu jiġi rrifjutat għal 97 dokument.



**Eċċezzjonijiet użati għar-rifjut tal-aċċess**

Fl-istadju inizjali, l-aċċess għad-dokumenti ġie rrifjutat l-aktar sabiex ikun protett il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill (223 darba, jew 20.9 %), ikun protett l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali (181 darba, jew 17 %) u minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika (87 darba, jew 8.2 %).

F'49.3 % tal-każijiet (525 darba), id-dokumenti ġew irrifjutati abbażi ta' kombinazzjoni ta' għadd ta' eċċezzjonijiet. F'dawn il-każijiet, l-aċċess ġie miċħud prinċipalment biex ikun protett l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali, tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru kif ukoll il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill (84 darba, jew 16 %). Kombinazzjoni tal-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru flimkien mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprjetà intellettwali ġiet applikata wkoll f'84 każ (jiġifieri f'16 % tal-każijiet). Kombinazzjoni tal-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill intużat 57 darba, jew f'10.8 % tal-każijiet fejn ġew applikati għadd ta' eċċezzjonijiet.



F'aktar minn kwart tal-każijiet, ingħata aċċess parzjali abbażi ta' kombinazzjoni ta' għadd ta' eċċezzjonijiet.

L-eċċezzjonijiet użati l-aktar frekwenti bħala ġustifikazzjoni għall-għoti tal-aċċess parzjali kienu biss il-protezzjoni tad-data personali u l-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet (32.4 % u 13.7 % rispettivament).

Fl-istadju konfermatorju, id-dokumenti ġew irrifjutati (52.6 %) jew rilaxxati biss parzjalment (61.1 %) l-aktar minħabba kombinazzjoni ta' eċċezzjonijiet. L-aċċess għad-dokumenti ġie wkoll rifjutat totalment ukoll sabiex jiġi protett l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali (34 %) u sabiex jiġi protett il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet (13.4 %).






Is-SĠK ħa medja ta' 17-il jum ta' xogħol biex jipproċessa talbiet inizjali u 33 jum ta' xogħol biex jipproċessa applikazzjonijiet konfermatorji.



L-iskadenza ta' 15-il jum ta' xogħol biex jiġu pproċessati talbiet inizjali ġiet estiża għal 623 talba, jiġifieri, f'29.9 % tal-każijiet. L-iskadenza ġiet estiża għal 43 minn 44 applikazzjoni konfermatorja.

It-tabelli fl-anness jagħtu aktar dettalji dwar it-talbiet għal aċċess għal dokumenti.

## V. ILMENTI MRESSQA QUDDIEM L-OMBUDSMAN EWROPEW, INKJESTI FUQ INIZJATTIVA PROPRJA, INIZJATTIVI STRATEĠIĊI MILL-OMBUDSMAN EWROPEW U AZZJONI LEGALI FIL-QASAM TAT-TRASPARENZA/AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI U TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI

### 1. Ilmenti li tressqu quddiem l-Ombudsman Ewropew

Fl-2021, il-Kunsill ġie nnotifikat b'erba' lmenti indirizzati lill-Ombudsman Ewropew wara talba ppreżentata lill-Kunsill għal aċċess għal dokumenti, ilment wieħed wara talba għal aċċess għal dokumenti indirizzati lill-Kunsill Ewropew, żewġ ilmenti wara talba għal informazzjoni indirizzata lill-Kunsill u lment wieħed wara talba għal informazzjoni indirizzata lill-Kunsill Ewropew. It-talbiet huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

***Ilment 360/2021/TE*** [7]

Dan il-każ jikkonċerna lment minn ċittadin indirizzat lill-Ombudsman Ewropew wara r-rifjut mill-Kunsill li jagħti aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti relatati **man-negozjati tat-trilogu dwar abbozz ta' leġiżlazzjoni għall-emissjonijiet tal-vetturi.** Il-Kunsill kien ta aċċess biss għal partijiet mid-dokumenti li huwa identifika bħala li jaqgħu taħt it-talba, bl-argument li l-iżvelar tal-partijiet li jkun jifdal jista' jimmina l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej bħalissa.

L-Ombudsman irrikonoxxiet li r-rilaxx ta' ċerti partijiet tad-dokumenti meta n-negozjati kienu għadhom għaddejjin jista' jimmina serjament il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Kunsill. Bħala tali, ir-redazzjonijiet kienu ġġustifikati f'dak il-kuntest. Madankollu, hija kienet tal-fehma li, ladarba jkunu ntlaħqu kompromessi dwar dawk il-kwistjonijiet fin-negozjati tat-trilogu, il-partijiet inkwistjoni tad-dokumenti għandhom jiġu żvelati.

[7] ST 8127/22 u ST 8127/22 ADD 1

Fid-deċiżjoni finali tagħha[8], l-Ombudsman ikkonkludiet li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kunsill u għamlet xi osservazzjonijiet interessanti dwar il-kontenut tar-raba' kolonna fid-dokumenti inkwistjoni f'din l-investigazzjoni meta mqabbel mal-kontenut tar-raba' kolonna fid-dokumenti inkwistjoni fil-ġurisprudenza *De Capitani* (Kawża T-540/15, *Emilio De Capitani vs Il-Parlament Ewropew*). Il-kontenut tar-raba' kolonna fid-dokumenti inkwistjoni f'din l-investigazzjoni huwa differenti minn dak tar-raba' kolonna fil-kawża *De Capitani*: f'dik il-kawża, id-dokumenti kkonċernati kienu ġew kondiviżi bejn il-koleġiżlaturi (li fir-raba' kolonna tagħhom fihom it-test ta' kompromess proviżorju li kien ġie miftiehem bejn l-istituzzjonijiet), li ma kienx il-każ hawnhekk.

***Ilment 717/2021/DL***[9]

Dan il-każ jikkonċerna lment ta' ċittadin kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' April 2021 dwar ir-rifjut ta' aċċess għad-dokument 5591/21, li fih opinjoni tas-servizz legali dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra. Id-dokument inħareġ parzjalment; l-aċċess għall-partijiet mhux żvelati ġie miċħud abbażi tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) (protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali), it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) (protezzjoni tal-parir legali) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) (protezzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Wara li eżaminat il-kontenut tad-dokument, l-Ombudsman ħarġet proposta għal soluzzjoni li fiha ssuġġeriet li l-Kunsill jagħti l-akbar aċċess possibbli għad-dokument 5591/21. Il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-kwistjoni u wasal għall-konklużjoni li aċċess ulterjuri ma kienx possibbli f'dak l-istadju minħabba li l-eċċezzjonijiet invokati mill-Kunsill skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) (protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali) u t-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) (protezzjoni tal-parir legali) kienu għadhom jiġġustifikaw in-nuqqas ta' żvelar tal-opinjoni legali. Il-Kunsill wieġeb lill-Ombudsman f'dan is-sens fil-15 ta' Novembru 2021.

---

**8** ST 13728/21

**9** ST 8157/21 u ST 8157/21 ADD 1

Fl-24 ta' Frar 2022, l-Ombudsman irrakkomandat li l-Kunsill jagħti l-akbar aċċess possibbli għad-dokument 5591/21 u talbet ukoll li l-Kunsill jagħtiha opinjoni dettaljata dwar dik il-kwistjoni sal-24 ta' Mejju 2022.

***Ilment 1485/2021/FR***[10]

Dan l-ilment jikkonċerna l-allegat nuqqas tal-Kunsill li jwieġeb dwar is-sustanza għall-korrispondenza tal-ilmentatur tal-25 ta' Lulju 2021 dwar "push-backs illegali" u "mġiba inumana" kontra voluntiera u NGOs mill-gvern Grieg u l-awtoritajiet f'Lesbos u Moria. Il-Kunsill kien wieġeb fil-25 ta' Lulju 2021 li t-tħassib u l-kummenti tal-ilmentatur kienu ġew innotati bir-reqqa iżda ma indirizzax it-tħassib imqajjem mill-ilmentatur.

Fil-31 ta' Awwissu 2021, l-Ombudsman issuġġeriet li l-Kunsill iwieġeb lill-ilmentatur dwar is-sustanza sat-30 ta' Settembru 2021. Fis-7 ta' Settembru 2021, il-Kunsill wieġeb lill-ilmentatur li ma kienx f'pożizzjoni li jassistih fil-kwistjoni peress li ma kellu l-ebda ġurisdizzjoni legali fuq l-awtoritajiet nazzjonali u għalhekk, ma setax jinvestiga jew jikkastiga xi inċident allegatament illegali fi Stat Membru. Il-Kunsill issuġġerixxa li l-ilmentatur jikkuntattja lill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fl-Awstrija u pprovda link għas-sit web tal-Aġenzija.

Fid-9 ta' Settembru 2021, l-Ombudsman għalqet il-fajl bil-konklużjoni li l-kawża kienet ġiet deċiża.

***Ilment 1488/2021/TM***[11]

Dan l-ilment kien jikkonċerna n-nuqqas tal-Kunsill Ewropew li jwieġeb għall-korrispondenza tal-ilmentatur mibgħuta bil-posta dwar is-sitwazzjoni personali tiegħu u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fis-Slovenja. Fit-23 ta' April 2021 intbagħtet konferma tal-wasla tal-ittra rreġistrata tiegħu – li huwa bagħat fid-29 ta' Marzu 2021 – permezz ta' posta elettronika.

Wara l-ilment tiegħu lill-EO, fit-30 ta' Settembru 2021 intbagħtet tweġiba lir-rikorrent li fiha s-SĠK irringrazzja liċ-ċittadin għar-rapport dwar id-drittijiet tal-bniedem li kien bagħat.

---

10 Dan l-ilment ma jikkonċernax talba għal aċċess għal dokumenti iżda talba għal informazzjoni.

11 Dan l-ilment jikkonċerna talba għal informazzjoni.

F'Novembru 2021, l-Ombudsman għalqet l-ilment bil-konklużjoni li dan kien ġie solvut.

*Ilment 1499/2021/TE*[12]

Dan il-każ jikkonċerna lment ta' ċittadin kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Lulju 2021 li tirrifjuta li tagħti aċċess pubbliku sħiħ għal 23 dokument relatati man-negozjati dwar l-abbozz tal-"**Att dwar is-Swieq Diġitali**". Id-dokumenti li l-aċċess għalihom kien ġie miċħud kompletament jew parzjalment kien fihom l-ewwel kummenti preliminari tad-delegati tal-Istati Membri u t-talbiet tagħhom għal kjarifika fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar is-Swieq Diġitali.

Fid-deċiżjoni konfermatorja tiegħu, il-Kunsill kien argumenta li l-kummenti preliminari tal-Istati Membri tfasslu għall-użu intern fil-kuntest ta' skambju preliminari ta' fehmiet tekniċi fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetizzjoni. Il-Kunsill kien argumenta li l-proposta tal-Att dwar is-Swieq Diġitali kienet fajl teknikament kumpless u estremament sensittiv u li l-iżvelar sħiħ tad-dokumenti jista' jwassal għal lobbjar mingħajr preċedent minn pjattaformi online sistemiċi, inklużi dawk ta' pajjiżi mhux tal-UE. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill kien ikkonkluda li l-iżvelar sħiħ tad-dokumenti identifikati x'aktarx kien jimmina serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej u li ma kien hemm l-ebda interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar f'dak l-istadju.

Fit-2 ta' Marzu 2022, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva rakkomandazzjoni mill-Ombudsman li titlob lill-Kunsill jagħti aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti mitluba u jibgħat opinjoni dettaljata qabel it-30 ta' Mejju 2022.

*Ilment 1703/2021/AMF*[13]

Dan il-każ jikkonċerna lment ta' NGO kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2021 li tirrifjuta li tagħti aċċess pubbliku sħiħ għal 10 minn 51 dokument relatati man-negozjati dwar il-proposta dwar it-Taxxa fuq is-Servizzi Diġitali (2018/0073 (CNS)) u man-negozjati tal-OECD dwar taxxa simili. Id-dokumenti li l-aċċess għalihom kien ġie miċħud jirrigwardaw il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru fil-kuntest ta' negozjati internazzjonali intiżi sabiex jintaxxaw globalment is-servizzi teknoloġiċi.

---

12 ST 11475/21 u ST 11745/1/21 ADD 1
13 ST 12499/21 u ST 12499/1/21 ADD 1

Fid-deċiżjoni konfermatorja tiegħu, il-Kunsill sostna li l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti partikolari, kuntrarjament għall-iżvelar tal-parti l-kbira tad-dokumenti li saru pubbliċi fuq it-talba tal-applikant, jaffettwa serjament il-possibbiltajiet li jintlaħaq riżultat sodisfaċenti tan-negozjati għall-Unjoni fuq livell globali jew fuq livell tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-Kunsill spjega ċ-ċirkostanzi estremament speċifiċi tal-każ, peress li d-dokumenti mhux żvelati relatati ma' kwistjonijiet ta' tassazzjoni li għaddejjin taħt diskussjonijiet interkonnessi fuq żewġ livelli separati (tal-UE u globali) u li dwarhom kienet meħtieġa l-unanimità u d-diplomazija applikabbli. Barra minn hekk, il-Kunsill argumenta li l-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru, kif ukoll ir-relazzjonijiet internazzjonali, jeħtieġ li jiġi protett fil-kuntest tal-proposta dwar it-Taxxa fuq is-Servizzi Diġitali u n-negozjati tal-OECD dwar taxxa simili. Finalment, il-Kunsill ikkonkluda li l-iżvelar tad-dokumenti identifikati seta' jippreġudika serjament il-proċess deċiżjonali pendenti u li f'dan l-istadju ma kienx hemm interess pubbliku prevalenti li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokumenti identifikati.

Fis-16 ta' Frar 2022, l-Ombudsman bagħtet lill-Kunsill talba għal informazzjoni addizzjonali dwar il-kwistjoni.

***Ilment 1947/2021/ABZ***[14]

Dan l-ilment kien jikkonċerna n-nuqqas tal-Kunsill li jwieġeb għat-talba tal-ilmentatur tat-23 ta' Ottubru 2021 relatata mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1002 tal-21 ta' Ġunju 2021 Deċiżjoni ta' implimentazzjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja.

L-ilmentatur, li għandu l-istess isem u kunjom bħal waħda mill-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi stabbiliti fid-deċiżjoni msemmija hawn fuq, irrapporta problemi serji fl-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu fil-Litwanja.

Fis-26 ta' Novembru 2021 intbagħtet tweġiba għall-messaġġ tal-ilmentatur li fih is-SĠK enfasizza li kienet il-kompetenza tal-Istati Membri li jimplimentaw miżuri restrittivi tal-UE u ċ-ċittadin ġie mistieden jikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali jew, bħala alternattiva, lill-Kummissjoni Ewropea. F'Diċembru 2021, l-Ombudsman għalqet l-ilment bil-konklużjoni li dan kien ġie solvut.

---

[14] Dan l-ilment jikkonċerna talba għal informazzjoni.

***Ilment 2008/2021/MIG***

Dan l-ilment kien kontra n-nuqqas tal-Kunsill Ewropew li jidentifika d-dokumenti li għalihom l-ilmentatur kien talab aċċess. Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata lilha, l-Ombudsman ikkonkludiet li ma kien hemm l-ebda evidenza li tindika xi amministrazzjoni ħażina mill-Kunsill Ewropew. Hija argumentat li d-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti japplika biss għal dokumenti fil-pussess ta' istituzzjoni. Barra minn hekk, hija rreferiet għall-ġurisprudenza tal-UE, li skontha, meta istituzzjoni tgħid li ma għandhiex dokumenti mitluba skont ir-Regolament 1049/2001, għandu jiġi preżunt li dan huwa minnu, sakemm l-applikant ma jippreżentax provi li b'mod inekwivoku jixħtu dubju fuq dan. L-argumenti mressqa mill-ilmentatur ma nstabux li juru li l-Kunsill Ewropew kellu d-dokumenti mitluba. L-Ombudsman, għalhekk, ikkunsidrat li d-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew li ma kellu l-ebda dokument rilevanti kienet waħda kredibbli, u għalqet il-każ.

## 2. INKJESTA FUQ INIZJATTIVA PROPRJA TAL-OMBUDSMAN EWROPEW

L-inkjesta fuq inizjattiva proprja OI/4/2020 TE dwar it-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill matul il-kriżi tal-COVID-19 għadha tissemma f'dan ir-rapport peress li kien hemm xi żviluppi fl-2021.

***Inkjesta fuq inizjattiva proprja OI/4/2020 TE dwar it-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill matul il-kriżi tal-COVID-19***

Permezz ta' ittra tas-27 ta' Lulju 2020, l-Ombudsman Ewropew nediet inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar it-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill matul il-kriżi tal-COVID-19. Fl-ittra tagħha hija talbet l-ispezzjoni ta' dokument intitolat "Miżuri eċċezzjonali dwar il-kontinwazzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill", id-dokumenti kollha relatati ma' żewġ fajls leġiżlattivi speċifikati u tlieta oħra li għandhom jintgħażlu mill-Kunsill, u d-dokumenti kollha relatati mal-funzjonament ta' tliet gruppi ta' ħidma tal-Kunsill.

L-ispezzjoni saret fit-13 ta' Novembru 2020 u r-rapport tal-ispezzjoni wasal fit-13 ta' Jannar 2021.

Fl-24 ta' Marzu 2021, l-Ombudsman Ewropew bagħtet lill-Kunsill id-deċiżjoni tagħha[15] dwar din l-inkjesta li fiha rrikonoxxiet li l-Kunsill kien għamel sforzi sinifikanti biex jiżgura l-kontinwità istituzzjonali tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 inkluż, sa fejn ikun possibbli, livelli xierqa ta' trasparenza kif previst f'ċirkostanzi normali. Hija għamlet ukoll xi suġġerimenti għal titjib għall-futur.

Il-Kunsill wieġeb[16] lill-Ombudsman Ewropew rigward is-suġġerimenti tagħha għal titjib fit-30 ta' Ġunju 2021. L-Ombudsman Ewropew indirizzat ittra ta' segwitu[17] lill-Kunsill dwar din il-kwistjoni fis-16 ta' Lulju 2021.

## 3. Inizjattivi strateġiċi tal-Ombudsman Ewropew

### *Inizjattiva strateġika SI/4/2021/TE*

Fit-30 ta' Ġunju 2021, l-Ombudsman Ewropew indirizzat ittra lill-Kunsill – kif ukoll lill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE – rigward il-mod li bih il-Kunsill jirreġistra t-test u l-messaġġi istantanji mibgħuta/riċevuti mill-membri tal-persunal fil-kapaċità professjonali tagħhom bi kwestjonarju dwar ir-regoli applikabbli u l-implimentazzjoni ta' dawk ir-regoli. Il-Kunsill wieġeb għall-mistoqsijiet imqajma mill-Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Novembru 2021 filwaqt li fakkar fil-politika dwar il-ġestjoni tad-dokumenti u tal-fajls fis-seħħ fis-SĠK u bagħtilha d-dokumenti rilevanti.

### *Inizjattiva strateġika SI/7/2021/DL*

Fis-27 ta' Ottubru 2021, l-Ombudsman Ewropew indirizzat ittra lill-President tal-Kunsill Ewropew u oħra simili lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill li tinkludi gwida qasira għall-amministrazzjoni tal-UE dwar il-politiki u l-prattiki biex jingħata effett lid-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti. Fl-24 ta' Novembru 2021, ġiet indirizzata ittra ta' tweġiba lill-Ombudsman Ewropew f'isem iż-żewġ istituzzjonijiet fejn ġiet informatha li l-miżuri ta' implimentazzjoni kienu diġà fis-seħħ fis-SĠK rigward il-punti mqajma fil-gwida tagħha.

---

15 ST 7314/21
16 ST 8935/2/21 REV 2
17 ST 11040/21

### 4. Kawżi tal-Qorti

Fl-2021, kien hemm erba' kawżi pendenti quddiem il-qrati tal-Unjoni: kawża ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u tliet kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali li jikkontestaw il-legalità ta' deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta li tagħti aċċess pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Fil-kawża C-408/21 P *Il-Kunsill vs L. Pech*, il-Kunsill ressaq appell kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' April 2021 fil-kawża T-252/19 rigward il-konstatazzjoni li jingħata aċċess pubbliku sħiħ għal opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill (ST 13593/18 INIT). Il-fażi bil-miktub ta' din il-proċedura għadha għaddejja.

Fil-kawża T-163/21 *de Capitani vs Il-Kunsill*, l-applikant jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta l-aċċess għal għadd ta' dokumenti li jappartjenu għal proċedura leġiżlattiva (WK 5230/2017, WK 10931/17, WK 12197/2017, WK 12197/2017 REV 1, WK 14969/17, WK 14969/17 REV 1 u WK 6662/18). Il-fażi bil-miktub tal-proċedura hija magħluqa u d-deċiżjoni dwar jekk hux ser ikun hemm fażi orali hija pendenti.

Fil-kawża T-682/21, *ClientEarth vs Il-Kunsill*, l-applikant jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta l-aċċess għal opinjoni tas-Servizz Legali mogħtija fil-kuntest ta' proċedura leġiżlattiva dwar l-emenda tar-Regolament ta' Aarhus (ST 8721/21). Il-fażi bil-miktub ta' din il-proċedura għadha għaddejja.

Fil-kawża T-683/21 *Leino-Sandberg vs Il-Kunsill*, l-applikant jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta l-aċċess għal opinjoni tas-Servizz Legali maħruġa fil-kuntest ta' proċedura leġiżlattiva li tikkonċerna l-emenda tar-Regolament ta' Aarhus (ST 8721/21). Il-fażi bil-miktub ta' din il-proċedura għadha għaddejja.

## VI. PUBBLIKAZZJONI TA' DOKUMENTI SKONT L-ARTIKOLU 11(6) TAL-ANNESS II GĦAR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUNSILL

Is-SĠK għamel pubbliċi 1 857 dokument preparatorju relatati ma' 76 att leġiżlattiv li ġew adottati fl-2021.

## VII. RIŻULTATI TAL-VOTAZZJONI

Fl-2021, is-SĠK ħejja riżultati tal-votazzjoni għall-atti leġiżlattivi kollha li ġew adottati mill-Kunsill matul is-sena kollha (jiġifieri, 114); dawn ir-riżultati tal-votazzjoni huma disponibbli direttament fuq is-sit web tal-Kunsill.

## VIII. TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI

Minbarra t-talbiet għal aċċess għal dokumenti, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jirċievi wkoll talbiet għal informazzjoni. Dawn it-talbiet huma ppreżentati permezz ta' mezzi differenti: formoli elettroniċi (disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill), emails u ittri. Is-servizz ta' Informazzjoni Pubblika huwa responsabbli biex iwieġeb għal dawk it-talbiet għal informazzjoni.

Matul l-2021, is-SĠK wieġeb 7 038 talba għal informazzjoni. It-tweġibiet mibgħuta kienu kif ġej:
– 6 439 email (din iċ-ċifra tinkludi talbiet riċevuti permezz tal-formola elettronika u bl-email)
– 599 ittra
B'kollox, 1 991 mit-talbiet li twieġbu kienu indirizzati lill-President tal-Kunsill Ewropew (PKE).



It-talbiet riċevuti mis-SĠK kienu jikkonċernaw temi ta' politika tal-UE u varjetà ta' suġġetti oħra. Fl-2021, l-oqsma ewlenin ikkonċernati minn dawn it-talbiet kienu dawn:

– Problemi personali/rimarki ġenerali: 18 %
– Relatati mal-COVID: 13 %
– Relazzjonijiet esterni: 11 %
– Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill: 9 %
– Kompetenza nazzjonali: 6 %
– Istituzzjonijiet oħra tal-UE: 6 %
– Ġustizzja u Affarijiet Interni: 4 %
– Dokumenti: 4 %
– Suġġetti oħra (eż. l-ambjent, l-impjiegi, eċċ.): 29 %




L-intestatura "relatati mal-COVID" tinkludi tipi differenti ta' talbiet li jikkonċernaw il-pandemija tal-COVID. Dawn ivarjaw minn talbiet rigward iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sa miżuri tal-ivvjaġġar u tas-saħħa fis-seħħ fl-UE. Iċ-ċittadini kitbu wkoll messaġġi aktar ġenerali dwar kwistjonijiet bħal lockdowns nazzjonali jew kampanji ta' tilqim.

Taħt "Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill", is-SĠK irċieva talbiet rigward dawn li ġejjin:

– talbiet għal appoġġ finanzjarju mill-PKE

– talbiet għal ritratti awtografati tal-PKE

– informazzjoni dwar karrieri/traineeships

– dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjali.

